# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' April 2016**

**Numru 2**

**Rikors numru 19/12**

**Joseph Ellul Grech**
**v.**

**l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell intavolat mill-attur appellant Joseph Ellul Grech minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Marzu 2015, li permezz tagħha dik il-Qorti iddeċidiet il-kawża billi iddisponiet mit-talbiet tal-attur appellant billi

ċaħdet l-istess, bl-ispejjez kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur appellant Joseph Ellul Grech.

**Ir-rikors promotorju tal-attur**

**2.** Permezz tar-rikors promotorju tiegħu tat-23 ta' Marzu 2012, l-attur Joseph Ellul Grech allega lezjoni tad-dritti fundamentali tieghu ghal smigħ xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319), tad-dritt tieghu li ma jigix assoggettat ghal piena jew trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni, u lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja bi ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni msemmija, u ghaldaqstant talab li l-Qorti jogħgobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq dak li hemm provdut fl-Artikolu 34 u 36 tal-Kostituzzjoni u tiffissa kumpens.

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmenta l-attur Ellul Grech huma kif ġej:

> "Illi r-rikorrent Joseph Ellul Grech kien ġie mressaq fis-17 ta' Novembru 1999 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie akkużat li f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer bejn il-15 ta' Awissu 1999 u l-15 ta' Novembru 1999

b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; 1) bil-qerq ħoloq jew ġiegħel li jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; 2) għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħoloq partijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 3) xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; 4) għamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement għamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat mhux imsemmija fl-Artikoli 183 jew 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; 5) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieħ ta' xi ħadd weġġgħu bil-kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; 6) kellu jew żamm skieken jew strumenti ohra bil-ponta u cioe 'hunting knives' mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta; 7) kellu 'ponn tal-ħadid' (knuckle duster) bi ksur ta' l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta; 8) żamm jew kellu żewg 'slings', 'crossbow' u 'air pistol' u munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta; 9) fil-15 ta' Novembru 1999, wara ntervent u tfiċċija mill-uffiċċjali tal-pulizija fil-fond fuq imsemmi u cioe` 19, Kent Street, Fgura instab xjentement li kellu fil-pussess tiegħu l-oġġetti ndikati fin-nota ta' qbid nru. 26/99 li qed tiġi mehmuża ma' din l-akkuża. Dawn l-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u / jew ristretta għandhom valur totali ta' Lm 54 u dazju ta' Lm 4.374, liema dazju ma ġiex imħallas u / jew kawtelat u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a) (b) (ċ) (k); 62 (a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, tal-Liġijiet ta' Malta; (10) fil-15 ta' Novembru wara intervent u tfiċċija minn Uffiċċjal tal-Pulizija fil-fond fuq imsemmi u cioe` 19, Kent Street, Fgura nstab li xjentement kellu fil-pussess u /jew taht il-kontroll tiegħu l-oġġetti ndikati fin-nota ta' qbid numru 26/99 li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u / jew ristretta tal-valur ta' Lm 54, dazju Lm 4.374, valur totali u li fuqhom kellha titħallas taxxa fuq il-valur miżjud liema taxxa tammonta għal Lm 8.756, liema taxxa ma ġietx imħallsa u / jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att numru XXIII ta' 1998).

"Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 t'Ottubru 2003 u cioe ħames snin sħaħ wara li tressaq l-ewwel darba taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant kien ġie lliberat minn kull ħtija u piena.

"Illi minħabba dawn il-proċeduri inutili r-rikorrent tilef ħobżu u daru u kien kostrett jitlaq minn Malta u minħabba l-istigma li sofra baqa ma sabx xogħol.

"Illi permezz ta' risposta għall-mistoqsija parlamentari lill-Ministru ta' l-Intern jirriżulta li l-investigazzjonijiet fil-każ preċitat ma ssukktawx wara li r-rikorrent kien ġie lliberat, anzi twaqqfu kompletament.

"Illi bid-dovut rigward, minkejja l-fatt konċess illi din il-kawża kienet waħda ta' natura serja, xorta waħda ma jistax jingħad illi din il-kawża kienet ta' natura komplikata jew kumplessa tant li kienet tirrikjedi ħames snin sħaħ sabiex tiġi konkluża. Illi din il-kawża kienet ikkaratterizzata minn *iter* tortwuż u dan, fil-fehma tar-rikorrent kien minħabba il-mod kif ġiet kondotta l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u liema *iter* proċedurali jinsab ben ittraċċjat fl-istess atti tal-kawża.

"Illi b'hekk, b'kollox, il-proċess kontra l-esponent dam pendenti ċirca ħames snin qabel ma ġie definittivament konkluż u dan fl-umli fehma tal-esponent jikkostitwixxi dewmien esaġerat u irraġjonevoli li wasal biex ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xierqa fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap 319).

"Illi waqt l-arrest ir-rikorrenti kien ġie assoġġettat għall-vjolenza fiżika minħabba marda li jbati minnha u li ma tħalliex jieħu trattament għaliha kif ser jirriżulta.

"Illi b'dan il-mod ġie vjolat fil-konfront tar-rikorrenti id-dritt fundamentali tiegħu li ma jiġix assoġġettat għal piena jew trattament inuman u degradanti skond l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).

"Illi barra dan, l-arrest tar-rikorrent ivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja skond l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni kif ukoll skond l-artikolu 5 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).

## Ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija

**4.** Permezz tar-risposta tagħhom tal-20 ta' April 2012 l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tiegħu.

**5.** Fir-risposta tagħhom, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija eċċepew is-segwenti:

> "Illi fl-ewwel lok il-proċeduri odjerni jikkonċernaw l-istess mertu ta' kawża oħra kostituzzjonali fl-istess ismijiet "Joseph Ellul Grech vs. Avukat Ġenerali et" (Rik Nru 30/2001) liema kawża kienet ġiet ċeduta fi stadju avvanzat mill-istess Joseph Ellul Grech u għalhekk **in linea preliminari** r-rikorrenti ma jistax jipproponi l-kawża odjerna qabel ma jġib prova li huwa ottempra ruħu mal-Artikolu 907(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> "Illi subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:
>
> "Illi ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem stante li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent it-trapass ta' erba' snin (u mhux ħamsa kif hemm indikat fir-rikors promotur) sabiex ġie konkluż il-proċess ġudizzjarju fil-konfront tiegħu huwa wieħed raġjonevoli tenut kont tal-kumplessita' tal-każ u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
>
> "Illi inoltre jiġi eċċepit li l-Istat għandu kull dritt u dmir li jinvestiga u jressaq quddiem il-Qrati persuni li fil-konfront tagħhom ikun jeżisti suspett raġjonevoli li kkommettew reat u l-fatt li bhalma ġara fil-każ odjern l-eżitu tal-proċeduri kriminali kien wieħed favorevoli għar-rikorrent ma jfissirx li dan sofra xi leżjoni ta' drittijiet fundamentali tiegħu.
>
> "Illi inoltre l-esponenti jiċħdu bil-qawwa l-allegazzjoni tar-rikorrent li waqt l-arrest huwa kien ġie assoġġettat ghall-vjolenza fiżika u

għalhekk ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Illi l-esponenti jeċċepixxu wkoll li l-arrest tar-rikorrent b’ebda mod ma jivvjola l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea oltre l-fatt li mir-rikors promotur ma hemm ebda ndikazzjoni tal-mod kif allegatament dan id-dritt ġie leż u għalhekk f’dan ir-rigward l-esponenti jirriżervaw li jirrispondu ulterjorment jekk ikun il-każ.

“Illi finalment huwa sinifikanti kif ir-rikorrent wara li kien fetaħ il-proċeduri kostituzzjonali fl-2001 kien ċedihom fl-24 ta’ Novembru 2003 wara li ngħatat is-sentenza tas-27 t’Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali għax fi kliemu stess “l-iskop ta’ din il-kawża ntlaħaq” biex issa u cioe` wara trapass ta’ tlettax il-sena qiegħed jerġa’ jipproponi l-kawża odjerna u ironikament qiegħed jitlob li din il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu primarjament minħabba d-dewmien tal-proċeduri meta huwa stess dam tant snin biex jerġa’ jivvanta l-allegazzjonijiet tiegħu.

“Illi jsegwi għalhekk li fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar ksur ta’ drittijiet fundamentali huma wkoll **frivoli u vessatorji** u qed isiru b’abbuz tal-proċess ġudizzjarju. Huwa prinċipju stabbilit li ‘the law does not protect those who sleep over their rights’ u dan iġib bħala konsegwenza illi t-tqanqil ta’ dawk il-lanjanzi jkunu ‘frivoli u vessatorji’. Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora m’hux biss l-infondat u l-fieragħ izda wkoll it-tqanqil ta’ argumenti, validi jew invalidi, b’mod intempestiv u b’mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntaghżlu biex jerġgħu’ jiftħu materja li r-rikorrent snin ilu kien pronunzja ruħu fis-sens li m’għadux interessat li jipproċedi dwarha.

**6.** Rat is-sentenza preliminari li tat l-ewwel Onorabbli Qorti fit-3 ta’ Lulju, 2013, li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, bl-ispejjez riżervati għall-ġudizzju finali.

**7.** Rat l-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Ellul Grech**, deċiz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura fis-27 ta’ Ottubru, 2003.

**8.** Rat l-atti tal-kawża kostituzzjonali fl-istess ismijiet (rikors 30/01) li kienet ġiet ċeduta quddiem din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 2003.

**9.** Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti.

**Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti**

**10.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), għas-sentenza taghha tat-13 ta' Marzu, 2015 kienu s-segwenti:

> "Illi r-rikorrent f'din il-kawża kien ġie arrestat fil-15 ta' Novembru, 1999, u wara tfittxija li saret fir-residenza tiegħu, għall-ħabta tas-6.00 p.m. ittieħed id-depot tal-Pulizija għall-interrogazzjoni. Fis-17 ta' Novembru, 1999, huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat b'diversi akkużi, fosthom li ħoloq jew ġiegħel li jidher li dan it-terz ikkometta reat, b'falsifikazzjoni ta' diversi dokumenti, xerred kitbiet foloz u ta malafama lill-terz, u li kellu xi armi fir-residenza tiegħu. Ir-rikorrent mill-ewwel caħad l-involviment tiegħu f'dawn l-akkużi u ingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali b'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2003, illiberatu mill-akkużi prinċipali dedotti kontra tiegħu, iżda sabitu ħati ta' pussess ta' armi mingħajr liċenzja tal-pulizija u kkundannatu għall-multa ta' Lm 50.
>
> "Ir-rikorrent, b'dawn il-proċeduri qed jilmenta li ġew leżi tlett drittijiet fondamentali tiegħu, u cioe`, li l-proċess dam pendenti b'mod esaġerat bi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta); illi hu ġie assoġġettat għal trattament inuman u degredanti fil-kuntest tal-marda li jbati minnha, bi ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropea; u li l-arrest tiegħu kien arbitrarju bi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni Ewropea.

> "Trattat l-ewwel ilment, din il-Qorti tara li d-dewmien fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu, kienu jiffurmaw parti mill-kawża kostituzzjonali li r-rikorrent ċeda f'Novembru tal-2003. F'dik il-kawża kien qed jilmenta mill-fatt li l-investigazzjonijiet forensiċi, li kienu utili għall-każ, kienu qed jieħdu żmien twil biex jiġu konklużi. Dawn fil-fatti, ġew ppreżentati lill-Qorti tal-Maġistrati fil-5 ta' Settembru, 2003, u peress ir-rikorrent ġie eżonerat minn kull responsabilita, is-sentenza ingħatat xi xahar wara fejn hu ġie liberat mill-maġġoranza tal-akkużi. Id-dewmien fil-każ ma kienx attribwibbli direttament lill-Qorti, iżda għad-dewmien fil-konklużjoni tat-testijiet forensiċi, u għal dan id-dewmien ir-rikorrent irrinunzja għal kull rimedju ta' natura kostituzzjonali meta ċeda l-kawża propria li kien fetaħ minħabba dak id-dewmien. Fil-fatt, avolja ir-rapport tal-espert forensiku jidher datat il-31 ta' Ottubru, 2001, gie pprezentat lill-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2003, iżda r-rikorrent laħaq l-għan tiegħu bil-fatt tal-presentata, u dan kif stqarr hu stess meta ċeda r-rikors kostituzzjonali preċedenti.
>
> "Ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet oħra għad-dewmien tal-kawża kriminali, ħlief dak attribwibbli lill-espert forensiku. Kien ukoll, hu veru, telf ta' żmien minħabba bdil fl-uffiċċjal prosekutur, nuqqas ta' notifiki u, fl-ahhar, anke bidla fil-ġudikant li kien qed jisma l-każ, iżda dawn ma ħolqux dewmien fil-proċess, li, għal żmien twil, kien qed jistenna ir-rapport forensiku.
>
> "Ir-rikorrent ċeda l-kawża kostituzzjonali preċedenti wara li ġiet deċiza l-kawża kriminali, li jfisser li hu kien qed jirrinunzja għad-dewmien li l-każ dam biex jiġi mistħarreġ. Din il-Qorti, għalhekk, ma tarax li r-rikorrent hu ġustifikat li, f'dan il-proċess, jerġa jilmenta mid-dewmien li ħa biex jiġi deċiz il-każ tiegħu."

**11.** Hawnhekk l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkonsidra t-tieni ilment tar-rikorrent dwar allegat trattament abbuziv da parti tal-pulizija peress li jallega li minkejja li kien informa lill-pulizija dwar li kien suggett ghal "renal colic attacks" u jkollu regolarment jiehu "narcotic based" pain killers huwa ma inghatax trattament denju. F'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li ezaminat il-gurisprudenza tal-Qorti fi Strasburgu u dik ta' din il-Qorti dwar il-materja, u wara li ezaminat dak li kellhom xi jghidu diversi awtoritajiet dwar l-istess, irriteniet li dak li sehh

f'dan il-kaz lanqas remotament ma jista' jwassal ghal grad ta' severita` li jridu il-qrati Maltin kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li l-fatt li r-rikorrent kien marid ma jfissirx li ma kellux jigi arrestat jew li ma kellux jinzamm f'detenzjoni. L-ewwel Qorti imbghad issoktat kif gej:

> "F'dan il-każ, jirriżulta li meta r-rikorrent kien qed jilmenta minn ugiegħ waqt li kien fid-depot tal-pulizija, intbagħat l-isptar b'ambulanza u ingħata l-mediċina u t-trattament meħtieg. Peress li meta ġie arrestat nesa' li jieħu l-pinnoli miegħu, meta ittieħed lura d-depot, mart ir-rikorrent ġiet ikkunttatjata biex teħodlu l-pinnoli, kif fil-fatt għamlet. Kull meta talab, ingħata ilma x'jixrob, u għalkemm ma nġablux ikel tapposta għalih, ingħata l-opportunita' jaqsam mal-pulizija l-ikel li nġab għalihom, pero', ħassu li kellu jirrifjuta l-offerta. Ma kien hemm ebda mument meta t-tobba eskludew li r-rikorrent jinżamm taħt detenzjoni. Din il-Qorti trid tirrimarka li t-trattament li ingħata r-rikorrent ma kienx ideali u l-kundizzjonijiet li fihom inżamm arrestat kienu xi ftit spartani (tul ta' interrogazzjoni, ġurdien f'ċella, ċella b'barmil flok toilet, u dam ma tħalla iqaxxar il-leħja u jxarrab ftit wiccu,) iżda fil-waqt li tispera li dawn iċ-ċirkustanzi ma jiġux ripetuti, ma tarax li kien hemm trattament inuman ta' ċertu gravita'. Ma jirriżultax li l-umiljazzjoni kienet "*gross*" fis-sens tad-duttrina prevalenti, u lanqas li hu wasal fi stat li kien imċaħħad milli jaġixxi skond ir-rieda tiegħu. Il-pulizija li kienu qed jinterrogawh, fil-fatt, riedu li hu jiffirma stqarrija li fiha jammetti l-akkużi, iżda baqa' sal-ahhar konxju tas-sitwazzjoni u kellu il-*will power* li jibqa sal-aħħar ma jammettix u jirrifjuta li jaqra stqarrijiet li kienu ppreparawlu l-pulizija.
>
> "Ma jirrizultax fil-fehma tal-Qorti, "*a minimum level of severity*" biex ikun hemm lok għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikoli tal-liġi invokati, u meħud kont ta' ċirkustanzi – inkluża l-kundizzjoni medika tar-rikorrent – din il-Qorti tara li hu ingħata t-trattament meħtieg u ma tarax li dik il-kondizzjoni kienet tali li tpoġġi l-arrest tiegħu fi stat ta' mhux "*admissible*".
>
> *-omissis –*
>
> "F'dan il-każ, ma jirriżultawx dawn l-estremi, u għalkemm kif ingħad, it-trattament li ingħata r-rikorrent ma kienx wieħed ideali jew perfett fl-aspetti kollha tiegħu, ma kienx hemm "*actual bodily injury or intense physical or mental suffering*." Fl-istess sens hija d-deċizjoni ricensuri tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ "<u>Caruana vs. Id-Direttur tal-Habs et</u>" mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2014 li ukoll titkellem fuq il-ħtieġa li jkun hemm, tal-anqas, "*sofferenza fiżika jew psikika intensa anke jekk mingħajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem*" – dan ma jirriżultax f'dan il-każ. Il-Pulizija taw qies l-istat ta' saħħa tar-

rikorrent, u ma jirriżultax li huma qatt abbużaw mill-proċess ta' interogazzjoni.

"Fil-kuntest tat-tielet aggravju tar-rikorrent, bażat fuq in-nuqqas ta' raġġonevalezza tal-arrest tiegħu, din il-Qorti ma tarax li fil-każ il-pulizija kienet irraġonevoli billi aġixxiet kif fil-fatt għamlet.

*-omissis-*

"F'dan il-każ, jirriżulta li f'Dicembru tal-1988 kien sploda l-każ marbut ma klijenti tal-vetturi tal-marka "Daewood", u l-gazzetti lokali kienu mimlija spekulazzjoni dwar abbuż fil-maniġġjar tal-finanzi tal-kumpanija relattiva. Ir-rikorrent kien qed jaħdem bħala accountant mal-kumpanija u, tajjeb jew hazin, kien qed jiġi involut fl-iskandlu li fih Lm1.5 miljun sparixxew mill-kumpanija. Peress li mal-kumpanija kien hemm involut anke is-Sur John Dalli, li wara sar Ministru tal-Finanzi, il-każ fil-media lokali ħa sura anke politika. Ir-rikorrent irriżenja minn mal-kumpanija tad-Daewoo f'Jannar tal-1999, pero' il-każ baqa jiġi dibattut fil-media. Bdew jinxterdu diversi ittri anonimi fil-pajjiż, waqt li r-rikorrent għamel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija fuq dak li, skont hu, kienu "irregolaritajiet" li kienu jsiru fil-kumpanija. F'Lulju tal-1999 anke mar Londra ma uffiċċjal tal-kumpanija, is-Sur Joe Gaffarena, suppost biex jassistih peress li dan kellu bżonn ifittex kura medika; fi kliemu, pero', skopra meta kien hemm li "*there was more to the visit than just medical reasons and I was not happy with the situation.*"

"Il-pulizija kellha informazzjoni li xi dokumenti li kienu qed jiġġerew fl-idejn kienu falsifikati, u kellhom rapporti li r-rikorrent seta' kien involut, speċjalment fid-dawl tal-informazzjoni kunfidenzjali li bdiet titqajjem. Kien għalhekk meħtieg li r-rikorrent jiġi interrogat.

"Waqt is-search fid-dar tar-rikorrent instabet karta b'letter head li kienet l-istess jew tixbaħ il-karti mqassma, u l-computer tiegħu kien għadu kemm ġie *formatted*. Kif spjega l-Assistent Kummissarju Michael Cassar "*xeghlet mill-ewwel l-bozza l-hamra*", u meta saru aktar stħarriġ anke mas-Sur Dalli, dehrilhom li kien hemm biżżejjed indizji biex jitressaq il-Qorti. Mhiex kompitu ta' din il-Qorti tara x'kienet tagħmel hi kieku kellha l-istess informazzjoni, imma biex tara jekk il-Pulizija kellhomx biżżejjed ċirkustanzi biex l-arrest ma jitqies arbitrarju. Fil-fehma tal-Qorti l-arrest in kwistjoni ma jistax jitqies arbitrarju.

"L-interrogazzjoni ma kienitx waħda ta' malajr, u darba arrestat, kien jeħtieg li jsiru testijiet forensiċi u anke interrogazzjoni ulterjuri.

*-omissis-*

"F'dan il-każ, kien meħtieg li jsiru eżamijiet tal-marki tas-swaba u tal-kitba tar-rikorrenti u tqabbil tal-istess mal-ħafna ittri u dokumenti li ingħataw f'idejn il-Pulizija, proċess li kellu jieħu tul ta' żmien. Kien, għalhekk, ġustifikat mhux biss l-arrest tiegħu, iżda wkoll li jitressaq quddiem qorti kompetenti, anke biex l-investigazzjoni tkompli issir

taħt il-kontroll tal-qorti. Fid-dawl tar-rapporti li kellha l-pulizija, ma jistax jingħad li l-arrest jew detenzjoni tar-rikorrent kien arbitrarju, u l-fatt li hu ingħata il-ħelsien provizorju mill-arrest dakinhar stess li tressaq quddiem il-Qorti, jimmilita kontra s-sejbin ta' detenzjoni esagerata.

"B'mod ġenerali, din il-Qorti tirrimarka, li, min qari tal-affidavits tar-rikorrent u martu, l-impressjoni li tieħu din il-Qorti hi li r-rikorrent hu irrabbjat aktar għal atteġġjament tas-Sur John Dalli u tal-media fil-konfront tiegħu. Hu donnu jwaħħal fis-Sur Dalli għal dak li ġralu u jgħid fil-fatt li "*It seems that John Dalli has a bad habit of accusing anyone as long as he looks like the victim to distract peoples' attention from more serious matters. I saw this happen many times in the past.*"

"Da parti tal-media, jilmenta wkoll li din għamlet kjass kbir meta faqqa l-każ u mhux l-ewwel darba li irreferiet għalih waqt li l-kaz kien dibattut. Meta imbagħad hu ġie meħlus mill-akkużi, l-istampa għamlet biss referenza qasira għall-każ, u ħafna mill-istazzjonijet tat-televiżjoni u tar-radju lanqas irraportaw il-ħelsien tiegħu. Kien minħabba dan kollu li jgħid li sofra theddid u telf ta' impieg, pero', din il-kawża ma saritx biex teżamina la l-aġir tas-Sur Dalli u lanqas tal-media, iżda tal-Pulizija u tal-avukat ġenerali. Il-fatt li tilef job li kellu ftit wara li ġie arrestat, ma jfissirx li l-pulizija hija responsabbli, darba li rriżulta, kif rajna, li l-arrest kien ġustifikat. Il-pulizija kellha rapport li dwarhom kellha tinvestiga. L-informazzjoni li kellha ma kienitx tidher mhux attendibbli, u għamlet sew li, kważi mil-ewwel, resqet il-każ tar-rikorrent għall-quddiem il-qrati. Is-sorveljanza li għamlet il-pulizija fuq ir-rikorrenti kienet ukoll parti mill-investigazzjoni, u ma jidhirx li din kellha x'effett partikolari fuq ir-rikorrent. Kif ingħad, il-kritika li saret mir-rikorrent u indirizzata lejn is-Sur John Dalli u l-media lokali, mhix rilevanti għall-fini ta' din il-kawża, li hi waħda ta' natura kostituzzjonali fil-konfront tal-awtoritajiet governattivi. Ma jirriżultax li l-proċess kriminali, sa mill-arrest tar-rikorrent, kien influenza b'dawn il-fatturi. Ir-rikorrent mhux qed jallega li ma kellux smigħ gust u hu ġie liberat mill-akkużi prinċipali fil-konfront tiegħu. L-arrest ukoll kien ġustifikat fiċ-ċirkostanzi, u kien ta' anqas minn 48 siegħa li tippermetti l-liġi. Kollox ma kollox, din il-Qorti tara li l-ilmenti tar-rikorrenti ma humiex mistħoqqa.

"Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tiċħad l-istess, bl-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mir-rikorrent Joseph Ellul Grech."

**Rikors ta' appell tal-attur appellant Joseph Ellul Grech**

**12.** Bir-rikors tal-appell tat-30 ta' Marzu 2015, l-attur appellant talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanti kontra l-intimati.

**13.** L-attur appellant ressaq tliet aggravji li fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti:

- **L-ewwel aggravju:** L-ewwel Qorti erroneament ekwiparat sempliċi ċessjoni ta' kawża ma' rinunzja ta' dritt. L-attur appellant jgħid għalhekk li l-ewwel Qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ikkonkludiet illi ma ġiex miksur id-dritt fundamentali tal-attur appellant għal smigħ xieraq fi zmien raġjonevoli, liema dritt huwa ikkontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

- **It-tieni aggravju:** Kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ghaliex il-fatti gravi riportati fil-każ odjern serjament jiddisturbaw ir-rispett lejn il-persuna umana u l-imġieba tal-investigaturi fil-konfront tal-attur appellant waqt l-interrogazzjoni tikkwalifika bħala tortura mentali.

- **<u>It-tielet aggravju</u>**: Kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba l-fatt illi l-indizji li kienu jeżistu fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma kienux biżżejjed sabiex iqajjmu suspett raġjonevoli li l-attur appellant ikkommetta r-reat jew reati in kwistjoni.

**<u>Risposta tal-intimati ghall-appell tar-rikorrent</u>**

**14.** Fir-risposta tagħhom tal-10 ta' April 2015, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wiegbu li l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tigi konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellant, u dan peress li dik is-sentenza hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk qegħdin jopponu l-aggravji tal-attur appellant bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet imsemmijin fir-risposta tal-appell taghhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

***<u>L-Ewwel Aggravju</u>***

*Il-verzjoni tal-appellant*

**15.** Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti erroneament ekwiparat sempliċi ċessjoni ta' kawża ma' rinunzja ta' dritt u li l-fatt li parti li tkun tat bidu għall-kawża tipproċedi sabiex fil-mori ċċedi l-istess kawża ma jfissirx li hija tkun effettivament irrinunzjat għal dak id-dritt, sakemm tali ċessjoni ma tkunx saret in vista ta' xi transazzjoni li tkun ġiet dikjarata u li permezz ta' tali transazzjoni l-meritu jkun gie eżawrit.

**16.** L-attur appellant jagħmel referenza għas-sentenza parzjali f'din il-kawża tat-3 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti fil-fatt kienet ċahdet l-eccezzjoni preliminari li ġiet issolevata mill-Avukat Ġenerali u dan minħabba l-fatt li l-aggravji li ressaq l-appellant fir-rikors promotur huma differenti minn dawk imsemmija fir-rikors kostituzzjonali ppreżentat u ċedut fl-2003. L-attur appellant jsostni illi l-aggravji li ngħataw minnu dakinhar li huwa kien ippreżenta l-ewwel kawza kostituzzjonali tiegħu dwar dewmien fil-proċeduri kellhom motivazzjoni kompletament u totalment differenti minn dawk imressqa f'dan ir-rikors kostituzzjonali u dan billi dakinhar li huwa ressaq l-ewwel ilment kostituzzjonali tiegħu ma setax ikun jaf li r-rapport forensiku u tal-espert Andrew Caruana kien diga` lest iżda inspjegalment baqa ma ġiex ippreżentat lill-Qorti tal-Maġistrati ħlief għal kważi sentejn wara.

**17.** In vista tas-suespost, l-attur appellant jerġa' jabbraċċja l-osservazzjonijiet li kien għamel fin-nota tal-osservazzjonijiet dettaljata tiegħu rigward dan l-aggravju, liema osservazzjonijiet il-Prim'Awla baqghet ma "vventilatx" ghar-raġunijiet fuq imsemmija.

*Il-verzjoni tal-konvenuti appellati*

**18.** Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appell tal-attur appellant il-konvenuti appellati jirribattu illi l-ewwel Qorti kienet altru milli ġusta fid-deliberazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħha u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:

- L-ilment ewlieni tal-attur appellant fl-ewwel kawza kostituzzjonali li ipprezenta fil-25 ta' Ottubru 2001 fl-istess ismijiet cioe` **Joseph Ellul Grech v. Avukat Ġenerali et** (Rik. Nru 30/2001) kien proprju l-allegat dewmien tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu u di fatti fis-sentenza parzjali tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2013 l-istess Qorti irrimarkat li "*il-fatti u ċ-ċirkostanzi li waslu għall-ilmenti tar-rikorrenti huma, huma ftit jew wisq l-istess bħal fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet u li giet ċeduta fl-24 ta' Novembru 2003.*" Huma jżidu illi minkejja li jista' jkun illi l-attur appellant ma kienx għadu jaf bil-fatt illi r-rapport forensiku tal-espert Andrew Caruana inspjegabilment baqa' ma ġiex ippreżentat lill-Qorti tal-Maġistrati għal kważi sentejn wara li kien diga` lest fl-2001 meta

oriġinarjament fetaħ l-ewwel kawża kostituzzjonali, meta hu iddeċieda li jċedi l-kawża f'Novembru tal-2003 huwa żgur li kien jaf b'dan għax tali rapport kien ġie ippreżentat xahrejn qabel ma ċeda l-imsemmija kawża kostituzzjonali, cioe` f'Settembru 2003, u nonostante dan huwa xorta ippersista biċ-ċessjoni tal-kawża;

- L-attur appellant ċeda l-proċeduri kostituzzjonali hawn fuq imsemmija proprju xahar wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru 2003, u cioe` fil-25 ta' Novembru 2003, u dan għaliex fi kliemu stess fin-nota ta' ċessjoni preżentata minnu iddikkjara li "*l-iskop ta' din il-kawża intlaħaq fil-proċeduri kriminali*." Għaldaqstant, il-konvenuti appellati jsostnu illi ma jistax ħlief jitqies vessatorju l-aġir tal-attur appellant li wara disa' snin minn tali ċessjoni jerġa' jittanta javvanza l-istess allegazzjonijiet dwar id-dewmien ta' proċeduri kriminali.

**19.** Barra minn hekk, il-konvenuti appellati jtennu l-pożizzjoni tagħhom quddiem l-ewwel Qorti u cioe` li a bażi ta' ġurisprudenza kostanti u stabbilita, l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Il-konvenuti appellati jispjegaw illi l-attur appellant qiegħed jibbaża l-ilment tiegħu primarjament fir-rigward ta' allegat dewmien fil-preżentata tar-

rapport tal-espert forensiku u li fattur wieħed f'kawża sħiħa fi kwalunkwe każ ma jistax jitqies b'mod iżolat u spezzettat imma l-Qorti trid tara l-andament shih tal-proċeduri sabiex tasal għal konklużjoni dwar dewmien irraġjonevoli o meno. Il-konvenuti appellati jagħtu diversi raġunijiet għaliex il-każ kriminali kien wieħed kumpless u jżidu wkoll illi dan huwa speċjalment il-każ tenut kont tal-fatt li fil-kamp kriminali l-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni huwa wieħed rigoruż għall-aħħar għax iridu jippruvaw il-każ tagħhom lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**20.** Kif inghad, l-ilment principali tal-ewwel aggravju tal-attur appellant huwa fis-sens illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti erronjament ekwiparat iċ-ċessjoni ta' kawża mar-rinunzja ta' dritt u jsostni li għalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata meta ma ħaditx in konsiderazzjoni id-dewmien fl-investigazzjonijiet forensiċi meta analizzat jekk ġiex miksur id-dritt fundamentali tal-attur appellant għal smigħ xieraq fl-andament proċesswali tal-każ kollu.

**21.** Dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa marbut ma' parti minn dak li gie deciz fis-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2013 li biha ċahdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti appellati.

**22.** Fis-sentenza preliminari taghha - li issa tikkostitwixxi *res judicata* għaliex ma sar l-ebda appell minnha - l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi "*ovvjament, il-fatt li r-rikorrenti rrinunzja għad-dewmien marbut mat-tul taż-żmien tal-investigazzjonijiet, irid jittieħed in konsiderazzjoni, fil-meritu, meta jigi diskuss l-andament proċesswali tal-każ kollu.*"[1]

**23.** L-appellant qieghed fl-appell odjern jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cessjoni da parti tieghu tal-ewwel proceduri kostituzzjonali li bihom kien qieghed jilmenta mit-tul tal-investigazzjonijiet tal-ezamijiet forensici. Izda dan kien gia prenuncjat li ser taghmlu l-ewwel Qorti fis-senteza preliminari taghha fuq imsemmija u l-appellant ma ntavola ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza preliminari li issa ghaddiet in gudikat u li ghalhekk ma tistax issa f'dan l-istadju tigi mibdula minn din il-Qorti fuq semplici sottomissjoni jew osservazzjoni.

**24.** L-appellant isostni li "l-ewwel Qorti ekwiparat erronjament semplici cessjoni ta' kawza ma' rinunzja ta' dritt". Ghandu qabel xejn jinghad li ma hemm xejn "semplici" fil-fatt ta' cessjoni ta' kawza li hu att ta' serjeta konsiderevoli li jgib konsegwenzi importanti kemm ghal min jaghmel il-kawza kif ukoll ghal kontra min tkun saret il-kawza. Ghandu jigi rilevat, izda, li ghalkemm id-dewmien tal-proceduri kriminal kontra l-appellant kien dovut ghad-dewmien fil-konkluzjoni tat-testijiet forensici

[1] Fol 53 tal-proċess.

dan wahdu ma jimplikax li meta l-appellant ceda l-ewwel kawza kostituzzjonali huwa b'daqshekk kien irrinunzja ghal kull rimdeju ta' natura kostituzzjonali. Dan hu hekk, salv dak li ser jingħad aktar 'il quddiem, għar-raġuni li r-rinunzja jew ċessjoni ttemm il-proċedura li tkun ġiet hekk ċeduta imma ma ttemx il-jedd għall-azzjoni[2], speċjalment meta ċ-ċessjoni tkun saret mill-parti "biex tirregola ruħha". Tant hu hekk li l-Artikolu 907(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li r-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni u l-Artikolu 963(6) tal-istess Kap. jipprovdi li bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Għalhekk, jekk il-Qorti tikkonstata li kien hemm dewmien irraġonevoli sabiex jiġi deċiż il-każ kriminali kontra l-appellant din il-Qorti ma tistax tonqos milli ssib vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-appellant għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. L-ewwel Qorti kellha raġun, iżda, meta fis-sentenza tagħha preliminari iddikjarat li l-fatt li r-rikorrenti rrinunzja ghad-dewmien marbut mat-tul taz-zmien tal-investigazzjonijiet, irid jittiehed in konsiderazzjoni, fil-meritu, meta jigi diskuss l-andament processwali tal-kaz kollu. Il-mod kif ghandu jittieħed in konsiderazzjoni, iżda, ma hux billi l-Qorti ma ssibx vjolazzjoni fejn vjolazzjoni hemm izda billi, jekk issib vjolazzjoni tieħu qies taċ-ċessjoni sabiex tara sa fejn din jista' jkollha impatt fuq ir-rimedju għall-vjolazzjoni.

**25.** L-ewwel Qorti aċċettat li kien hemm dewmien sabiex jiġu konkjużi l-proċeduri kriminali kontra l-appellant u li dan id-dewmien kien kaġunat

[2] Ara PA Tasika Auto Limited v Jason Mizzi, 16/10/2003

mid-dewmien tal-investigazzjonijiet forensiċi għaliex għalkemm fil-mori tal-kawża nqalgħu numru ta' intoppi[3], bħal ma jinqalgħu fil-kors ta' kwalunkwe proċeduri, dawn, kif irrilevat l-ewwel Qorti, ma kienux tali li iġġeneraw dewmien fil-proċeduri għaliex fil-frattemp dawn kienu qegħdin jistennew ir-rapport tal-espert forensiku. Irriżulta li r-rapport forensiku kien ilu konkjuż u redatt sa mill-31 ta' Ottubru 2001 izda baqa' ma ġiex preżentat qabel il-5 ta' Settembru 2003, kważi sentejn wara. Dan wassal sabiex il-proċeduri kriminali fil-kumpless tagħhom twalu inutilment u irraġjonevolment għal tal-anqas l-istess perjodu. Għandu jiżdied li għalkemm hu veru li d-dewmien kien xprunat mid-dewmien da parti tal-espert forensiku dan ma jfissirx li l-istess dewmien ma kienx attribwibbli wkoll lill-Qorti, li kellha tieħu dawk il-miżuri kollha superviżorji u eżekuttivi neċessarja sabiex tassigura li l-espert forensiku jittermina l-investigazzjonijet tiegħu ċelerament u jirraporta dwarhom fl-iqsar żmien possibbli. Dan ma sarx.

**26.** Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju u ssib li fil-proċeduri kriminali kontra l-appellant kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-appellant għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ser tilqa' t-talba tar-rikorrent appellant f'dan ir-rigward.

---

[3] Dawn ġew elenkati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata: bdil fl-uffiċjal prosekutur, nuqqas ta' notifiki, bidla fil-ġudikant.

***It-Tieni Aggravju***

**27.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta li t-trattament li rċieva waqt li kien detenut mill-pulizija u l-imġieba tal-investigaturi fil-konfront tiegħu waqt l-interrogazzjoni kienu tali li serjament jiddisturbaw ir-rispett lejn il-persuna umana u l-imġieba tal-investigaturi fil-konfront tal-attur appellant waqt l-interrogazzjoni tikkwalifika bħala tortura mentali tant li dan kollu jikkwalifika bħala trattament projbit bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

*Prinċipji*

**28.** L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu illi l-ebda persuna ma għandha tiġi assoġġettata għal tortura jew għal piena jew trattament inuman jew degradanti. L-Artikoli msemmija jittrattaw minn tipi differenti ta' imġieba projbita li kull waħda minnhom tirrifletti grad ta' severita` wieħed ikbar mill-ieħor. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni għaliex it-tortura ċertament

dejjem u f'kull każ tammonta tal-anqas għal trattament inuman u degradanti[4].

**29.** Il-prinċipji applikabbli f'każijiet ta' din ix-xorta ġia' ġew identifikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Alfred Degiorgio et v. Avukat Ġenerali et**[5] u dan fis-sens li ġej.

**30.** Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 jeħtieġ li dak it-trattament jilħaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tiegħu huwa neċessarjament wieħed relattiv u jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħan-natura tat-trattament, il-kuntest tiegħu, il-mod ta' esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fiżiċi u morali, u f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta` u stat ta' saħħa tal-vittma.

**31.** B'danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 imsemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni neċessarjament allaċċjati ma' xi forma partikolari ta' trattament leġittimu jew piena. Miżuri li jneħħu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bħal dawk imsemmija iżda,

[4] Q Kost. Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et., 5/4/2013, # 25; Ara wkoll fost ohrajn Q. Kost.
Giuseppa Galea v. Segretarju tad-Djar, 20/7/1977; Fenech v. Kummissarju tal-Pulizija, 20/2/1979;
Wilch v. Segretarju Parlamentari ghad-Djar et, 11/10/1989; ECHR Mostipan v. Russia, 16/10/2014,
#49; Issir riferenza wkoll ghal Theory and Practice of the European Convention on Human Rights: 4th
ed., van Dijk, van Hoof, van Rijn and Leo Zwaak eds.,p.406

[5] Q Kost. Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et., 5/4/2013, # 26-27.

minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta' miżura leġittima ma għandhiex tassoġġetta lill-persuna għal tbatija ta' intensita` tali li teċċedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-miżura.

**32.** Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaġuna lill-persuna sofferenza fiżika jew psikika intensa anki jekk mingħajr ma jikkaġuna xi feriti jew offiżi fuq il-ġisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża, angoxxja u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Dak li umbagħad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tiġi inflitta fit-tortura karatterizzata b'għemil deliberat li jikkaġuna sofferenza mill-aktar serja u kiefra. Minn barra l-element tal-grad sever tas-sofferenza ikkaġunata, element ieħor li ġie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tiġi inflitta bil-għan li jintlaħaq għan preċiz bħal li tiġi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi ħadd.

**33.** In kwantu għal persuni arrestati jew detenuti l-Istat huwa risponsabbli għall-*benessere* tagħhom u peress li tali persuni huma f'sitwazzjoni ta' vulnerabbilita` l-awtoritajiet għandhom id-dover li jħarsuhom[6]. Għalhekk in-nuqqas ta' trattament xieraq ta' persuna waqt l-interrogazzjoni proprju minħabba l-marda li allegatament kellu l-attur

[6] ECHR Chernetskiy v. Russia, 16/10/2014, #72.

appellant jista' jiġġenera kwistjoni taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. L-Istat għandu d-dover li jassigura li, waqt li jittieħed qies tal-esiġenzi prattiċi tal-kundizzjoni ta' priġunerija, is-saħħa u l-*benessere* tal-persuna arrestata jiġu mħarsa adegwatament.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji*

*1. L-imġieba tal-investigaturi fil-konfront tal-attur appellant waqt l-interrogazzjoni*

*Verżjoni tal-appellant*

**34.** L-attur appellant jissottometti illi l-uffiċjali tal-Pulizija assoġġettawh għal tortura, trattament inuman u trattament degredanti waqt li kien detenut u dan fid-dawl tal-marda li jallega li kellu.

**35.** Skont l-attur appellant, l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra diversi fatturi meta waslet għall-konkluzjoni tagħha, fosthom is-segwenti:

- l-attur appellant kien u għadu bniedem marid bil-kundizzjoni hekk imsejjħa tal-ġebla u huwa avża lill-investigaturi dwar dan l-istat ta' saħħa tiegħu;

- il-mediċini li kienu qegħdin jiġu issomministrati lilu kienu qawwijin u għandhom *side effects* li jġibu sturdament u *hypothermia*;

- l-interrogazzjonijiet saru waqt li l-attur appellant kien qiegħed taħt l-effett ta’ dawn il-mediċini;

- waqt l-interrogazzjoni l-attur appellant ittieħed l-Isptar, wara reġa’ ġie interrogat u wara reġa’ ttieħed fil-*lockup* tal-Belt fejn kellu jerġa’ jżuru tabib tal-Poliklinika tal-Furjana, reġa’ ngħata l-mediċina u reġa’ ttieħed id-Depot biex ikompli jiġi interrogat fl-istess uffiċċju;

- Diana Ellul Grech rat lill-attur appellant jipprova jżomm mal-ħajt meta marret id-Depot tal-Pulizija;

- minkejja illi hu ma sofriex offiżi fuq il-ġisem, sofra sofferenza psikika intensa

*Verżjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija*

**36.** Il-konvenuti appellati jargumentaw illi minn analiżi tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti huwa ċar illi l-Qorti eżaminat l-istadji kollha li fihom l-attur appellant kien fil-kustodja tal-Pulizija u ġustament

waslet għall-konklużjoni li l-attur appellant ma sofra ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

**37.** Il-konvenuti appellati taw is-segwenti raġunijiet biex jiġġustifikaw l-imsemmija konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti u biex juru illi fl-istadji kollha l-Pulizija taw qies l-istat ta' sahha tal-attur appellant u li ma jirriżultax li huma qatt abbużaw mill-proċess ta' interrogazzjoni:

- Meta l-attur appellant kien qed jilmenta minn uġiegħ waqt li kien fid-depot tal-pulizija, intbagħat l-isptar b'ambulanza u ingħata l-mediċina u t-trattament meħtieġ;

- Meta ġie arrestat u nesa' jieħu l-pilloli miegħu d-Depot, mart l-attur appellant intalbet mill-Pulizija biex teħodlu l-pilloli, kif fil-fatt għamlet;

- Kull meta talab, ingħata ilma x'jixrob, u minkejja li ġie offrut ikel, hu għażel li jirrifjutah;

- Ma kien hemm ebda mument meta t-tobba eskludew li l-attur appellant jinżamm taħt detenzjoni u dan minkejja li ġie eżaminat minn aktar minn tabib wieħed;

- Waqt l-interrogatorju, l-attur appellant baqa' jippersisti li ma jammettix l-akkużi u irrifjuta li jaqra u jiffirma l-istqarrijiet tal-pulizija.

**38.** Skont il-konvenuti appellati, anke jekk l-attur appellant kellu l-kundizzjoni tal-ġebla u kien qed jieħu xi pilloli, ġie pruvat b'mod konsistenti mill-konvenuti appellati fil-kors tal-provi li fil-ħinijiet li l-Pulizija kienu qed jagħmlu l-interrogatorju lil Ellul Grech huwa ma ġibdilhomx l-attenzjoni li kien ma jiflaħx jew li ma kienx qed iħossu f'sikktu. Iżidu illi f'ħinijiet oħra meta huwa ma kienx qed iħossu f'sikktu, il-Pulizija ħadu passi biex l-attur appellant jingħata attenzjoni medika kemm mit-tobba tal-poliklinika kif ukoll mill-isptar meta kien meħtieg u f'kull każ it-tobba li eżaminawh ma indikawx li huwa ma setax jibqa' miżmum taħt arrest jew li ma setax jibqa' jiġi interrogat.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**39.** Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li minkejja li l-attur appellant kien informa lill-Pulizija li jbati minn uġiegħ tal-ġebla[7] l-attur appellant ma esebixxa l-ebda ċertifikat mediku li jikkonferma li l-attur appellant verament isofri minn din il-kundizzjoni. L-uniku ċertifikat li ġie esebit kien dak tat-Tabib Lawrence K. Ellul li jinsab a fol 80 tal-process. Dak li

[7] Dan il-fatt ġie kkonfermat mill-Ispettur Raymond Cremona fix-xhieda tieghu li ngħatat fit-30 ta' Novembru 1999. Ara fol 20 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess. Ara wkoll fol 169 tal-proċess.

jemerġi miċ-ċertifikat huwa li l-attur appellant kien ibati minn stress, paranoia, nuqqas ta' konċentrazzjoni, *restlessness* u insomnia.

**40.** Fit-tieni lok ma jirriżultax li l-attur appellant qatt ġie assoġġettat għal interrogazzjoni mill-Pulizija wara li l-istess attur appellant informa lill-Pulizija li kien muġugħ jew immedjatament wara li ġew issomministrati lilu l-mediċini li kellu bżonn biex itaffi l-uġiegħ tal-ġebla. Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-Pulizija dejjem ħallew lill-attur appellant jistrieħ għal xi siegħat qabel ma interrogawh[8]. Lanqas ma jirriżulta illi waqt l-arrest l-attur appellant kien ġie assoġġettat għal vjolenza fiżika minħabba li ma tħalliex jieħu trattament għall-marda li allegatament ibati minnha, kif jallega l-attur appellant fir-rikors promotorju tiegħu[9].

**41.** Di fatti irriżulta li:

- L-ewwel interrogazzjoni saret fil-15 ta' Novembru 1999 - bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija u spiċċat fid-9.15 ta' filgħaxija[10]. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-attur appellant qatt ilmenta li kien muġugħ immedjatament qabel jew waqt din l-interrogazzjoni[11].

[8] Ara fol 21 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess.
[9] Ara fol 2 tal-proċess.
[10] Fol 21 tal-proċess kriminali li gie allegat ma' dan il-proċess.
[11] Ara fol 22 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess. Ara wkoll fol 149 tal-proċess.

- Meta l-attur appellant ilmenta minn uġiegħ matul il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 1999, il-Pulizija baghtuh l-isptar b'ambulanza u dan sabiex jingħata l-mediċina u t-trattament meħtieġ[12]. Il-Pulizija ma ħadulu l-ebda statement immedjatament wara li ġie discharged mill-isptar iżda bagħtuħ jistrieħ[13]. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-Pulizija ma riedux li l-attur appellant jibqa' l-isptar u li marru kontra l-parir tat-tabib li rah lill-attur appellant l-isptar li ried iżommu hemm, kif jallega l-attur appellant fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fid-9 ta' Mejju 2014[14].

- Meta l-attur appellant reġa' ilmenta minn uġiegħ fis-16 ta' Novembru 1999 f'nofsinhar, meta kellha tittieħed stqarrija mingħand l-istess attur appellant, il-Pulizija ġabulu t-tabib tal-*polyclinic* tal-Furjana[15] u ma ħadulu l-ebda statement dak il-ħin. Il-Pulizija ħallewħ jistrieħ sa xi l-5 ta' filgħaxija[16].

- It-tieni interrogazzjoni tal-attur appellant, li saret fis-16 ta' Novembru 1999, bdiet f'xi l-5.15 ta' filgħaxija u spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija[17]. Qabel ma bdiet din l-interrogazzjoni, il-Pulizija staqsew lill-attur appellant kif kien qed iħossu u l-attur appellant irrisponda billi qal li

[12] Ara fols 19 u 22 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess. Ara wkoll fols 124, 156 u 158 tal-proċess.
[13] Ara fol 20 tal-proċess.
[14] Ara fols 125 u 128 tal-proċess.
[15] Ara fols 19, 23 u 25 tal-proċess kriminali li gie allegat ma' dan il-proċess. Ara wkoll fol 151 tal-proċess.
[16] Ara fol 21 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess.
[17] Fol 23 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess.

kien qed iħossu tajjeb dak il-hin[18]. Il-Pulizija staqsew lill-attur appellant kif kien qed iħossu waqt l-interrogazzjoni wkoll u qatt ma lmenta li kien qed iħossu muġugħ jew ma jiflaħx[19] u lanqas ma qatt deher diżorjentat[20].

- Il-Pulizija diversi drabi ikkonfermaw illi waqt l-interrogatorju l-attur appellant deher fi stat ta' saħħa tajjeb u qatt ma lmenta dwar xi kondizzjoni medika jew uġiegħ[21].

- It-tobba qatt ma eskludew li l-attur appellant għandu jinżamm taħt detenzjoni[22].

- Il-Pulizija fl-ebda ħin ma ippermettewx lill-mara tal-attur appellant biex teħodlu l-pilloli li kellu bżonn biex itaffi l-uġiegħ li kien qed iħoss[23].

- L-attur appellant ġie offrut x'jiekol u x'jixrob mill-Pulizija waqt li hu kien detenut[24] u l-Pulizija anke offra li jaqsam l-ikel tiegħu stess miegħu.

- Peress illi l-attur appellant informa lill-Pulizija li kellu esperjenza negattiva fil-*lock up* tal-Belt u għaldaqstant ma riedx joqgħod fil-lock up

[18] Ara fols 20 u 45 tal-proċess kriminali li gie allegat ma' dan il-proċess.
[19] Ara fols 23 u 45 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess.
[20] Ara fols 25 u 46 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess.
[21] Ara fols 141, 145, 168 u 169 tal-proċess.
[22] Ara fol 169 tal-proċess.
[23] Ara fol 109 tal-proċess.
[24] Ara fols 19, 20, 24 u 45 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dan il-proċess. Ara wkoll fols 129 u 145 tal-proċess.

tal-Belt, il-Pulizija ma poġġewħx hemmhekk iżda poġġewh fil-*lock up* tal-Imsida[25];

- Ma irriżultax li l-attur appellant qatt gie sforzat sabiex jiffirma stqarriji li hu ma riedx jiffirma kif jallega l-attur appellant fl-affidavit tiegħu[26].

**42.** Għalhekk l-attur appellant ma irnexxilux jipprova li l-Pulizija kienu assoġġettawh għal trattament inuman jew degradanti. Mill-provi prodotti jidher ċar illi l-Pulizija taw qies tal-istat ta' saħħa tal-attur appellant, u ma jirriżultax li huma qatt abbużaw mill-proċess ta' interrogazzjoni.

*2. L-uffiċċju żgħir li fih saret l-interrogazzjoni, in-numru ta' uffiċċjali li interrogaw lill-attur appellant, u l-kundizzjoni tal-post fejn inżamm detenut*

*Verzjoni tal-attur appellant*

**43.** Skont l-attur appellant, l-ewwel Qorti ma ikkonsidratx ukoll il-fatt illi l-interrogazzjoni tiegħu saret f'uffiċċju li x-xhieda tal-intimati, u cioe` Raymond Cremona u Michael Cassar, ikkonfermaw *ex admissis* li kien pjuttost żgħir.

---

25 Ara fol 44 tal-proċess kriminali li gie allegat ma' dan il-proċess.
26 Ara fols 67 u 69 tal-proċess.

*Verzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija*

**44.** Il-konvenuti appellati jsostnu illi anke jekk l-uffiċċju fejn sar l-interrogatorju seta' ma kienx enormi, dan waħdu ma jammontax għal xi trattament inuman jew degredanti. L-uffiċjali tal-Pulizija involuti fl-interrogatorju jew f'fażijiet minnhom kollha xehdu kif huma f'kull ħin trattaw lill-attur appellant b'mod dinjituż u b'rispett lejn id-drittijiet kollha tiegħu.

**45.** Il-konvenuti appellati jiċħdu illi l-attur appellant kellu xi ġurdien fiċ-ċella u jżidu wkoll illi anke jekk ċerti faċilitajiet bħal-*toilet* u sink kienu għadhom assenti miċ-ċelel individwali fl-1999, ġie pruvat mill-konvenuti appellati li kien hemm *toilet* komuni, sink komuni u *shower* komuni barra ċ-ċelel u dawn kienu aċċessibbli u disponibbli għall-persuni miżmuma fiċ-ċelel kull meta kienu jitolbu li jużawhom għal bżonnijiet tagħhom. Il-konvenuti appellati jgħidu wkoll illi l-post kollu kien jinħasel kuljum.

**46.** Waqt li kien detenut l-appellant f'ebda stadju ma lmenta dwar il-kundizzjoni taċ-ċella li fiha kien jinsab miżmum minkejja li jgħid li l-istat tagħha kien perikolanti għas-saħħa u kienet "so filthy it was

unbelievable"[27]. Jgħid sempliċement li ma lmentax għaliex deherlu li ma kienetx ser tagħmel differenza[28].

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**47.** L-attur appellant jargumenta illi peress li l-uffiċċju li fih ġie interrogat kien żgħir ħafna u peress ukoll li kien hemm xi sitt uffiċjali tal-Pulizija ġo fih[29], hu ġie assoġġettat għal trattament inuman jew degradanti.

**48.** Anke jekk l-uffiċċju fejn ġie interrogat l-appellant ma kienx wieħed kbir il-Qorti hi tal-fehma, iżda, li ma ġiex pruvat li l-uffiċċju kien tant żgħir li b'daqshekk biss l-appellant ġie assoġġettat għal tbatija jew sofferenza ta' grad sever tali li jista' jiġi kwalifikat bħala trattament li jinkwadraw f'xi wieħed minn dawk projbiti bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Anke jekk din il-Qorti kellha tikkonsidra d-daqs tal-uffiċċju fejn ġie interrogat mal-kundizzjonijiet l-oħra li fihom allegatament inżamm arrestat l-attur appellant (ċella b'barmil flok toilet, nuqqas ta' toilet u sink fiċ-ċelel individwali fl-1999 iżda *toilet* komuni, sink komuni u *shower* komuni barra ċ-ċelel, l-attur appellant dam ma tħalla jqaxxar il-leħja u jxarrab ftit wiċċu, nuqqas ta' iġene fiċ-ċellel, allegazzjoni ta'

[27] Fol 127
[28] ibid
[29] Ara fols 124 u 126 tal-proċess.

ġurdien f'ċella)[30] ma jirriżultax li kien hemm dak il-"*minimum level of severity*" biex ikun hemm lok għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni invokati.

**49.** Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, dan it-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi respint.

**<u>It-Tielet Aggravju tal-attur appellant Ellul Grech</u>**

*Verżjoni tal-appellant Ellul Grech*

**50.** Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-attur appellant Ellul Grech isostni illi ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern – ittra waħda f'dar l-attur appellant u computer li kien *formatted* – ma kienux tali li jqanqlu suspett raġjonevoli li l-attur appellant ikkommetta r-reati li ġie allegat mill-Pulizija li hu ikkommetta. L-attur appellant jgħid illi huwa ġie arrestat għaliex il-kwerelant ma kien ħadd ħlief l-ex ministru John Dalli u għaliex kien Dalli li indika lill-attur appellant lill-Pulizija.

**51.** L-attur appellant jissottometti wkoll illi l-ewwel Qorti skartat il-fatti segwenti:

> "*a. Illi fid-dar tar-rikorrent, meta l-Pulizija effettaw tfixxija, ma nstabet ebda prova konkreta li setgħet minimament ikollha konnessjoni bejn*

[30] Dawn il-kondizzjonijiet mhux kollha ġew sodisfaċentement pruvati mill-attur appellant.

*ir-rikorrent u l-eluf ta' ittri li ntbgħatu lil eluf ta' nies madwar Malta u Għawdex, ħlief għal ittra simili għal dawk li nbgħatu madwar Malta u Għawdex. Din l-ittra instabet fid-dar tar-rikorrent għaliex kif stqarr ir-rikorrent u kif ikkonferma Dalli stess dik l-ittra kien tahielu Dalli stess wara li Dalli kien żammha għandu fi skrivanija għal bosta ġimgħat. Kull ma kellhom bżonn jagħmlu l-pulizija kien li jikkonfermaw ma' Dalli dan il-fatt waqt li r-rikorrent kien arrestat. Għaldaqstant l-unika 'evidenza' li l-Pulizija tgħid li kellha ma kienet evidenza xejn.*

*"b. Illi fil-personal computer tar-rikorrent ma nstabet l-ebda data jew informazzjoni li setgħet tagħti lok għal xi suspett raġjonevoli ħlief li l-computer kien formatted, ħaġa normali li ssir meta u jekk computer ikollu virus.*

*"c. Illi ma nstabu l-ebda riżmi ta' karti jew numru konsiderevoli ta' pakketti ta' karti li setgħu jagħtu lok għal suspett raġjonevoli li kien hemm xogħol ta' photocopying u / jew printing qawwi.*

*"**d**. **Illi fi kliem il-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar (dak iż-żmien Assistent Kummissarju) kien impossibbli li l-Pulizija jinvestigaw l-eluf ta' envelopes li ġew mibgħuta lil eluf ta' residenti f'Malta u Ghawdex u li qalulu li din hija xi ħaġa impossibbli li ssir**. (emfasi tal-appellant)*

*"e. Illi r-rikorrent dejjem ċaħad kategorikament l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin jagħmlulu l-Pulizija waqt li kienet qegħda tittieħed l-istqarrija tiegħu.*

*"f. Illi l-unika raġuni 'il għaliex il-Pulizija investigaw lir-rikorrent huwa għaliex ir-rikorrent ġie indikat minn ħadd ħlief l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi John Dalli.*

*"g. Illi jidher ċar li l-Pulizija aġixxew bi speditezza u proċedew bl-arrest tar-rikorrent sempliċement minħabba l-istatura politika tal-Ministru konċernat li ndika lir-rikorrent bħala persuna li huwa kien qed jissuspetta fiha.*

*"h. Illi huwa ovvju li l-Pulizija riedet tikkuntenta lill-Ministru Dalli billi tressaq lil xi ħadd malajr fil-Qorti fuq dan il-każ.*

*"i. Illi l-fatti ulterjuri kif rriżultaw wara, waqt il-proċeduri kriminali, inkluż il-fatt kospikwu u għal kollox inaċċettabli, irresponsabbli u rraġjonevoli kif rapport tal-espert tal-fingerprints Andrew Caruana baqa' ma ġiex pprezentat lill-Qorti minkejja li kien ilu lest 22 xahar qabel, ikomplu jitfgħu dawl fuq l-għaġla tal-Pulizija, għal xi raġuni jew oħra, biex iressqu bl-aktar mod arbitrarju u fuq ebda suspett raġjonevoli lir-rikorrent quddiem din l-Onorabbli Qorti.*"

*Verżjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija*

**52.** Fir-rigward tat-tielet aggravju li ressaq l-attur appellant, il-konvenuti appellati jirrespinġu bħala infondati fil-fatt u fid-dritt l-argumenti imressqa mill-attur appellant fil-kuntest ta' dan l-aggravju, u dan prinċipalment minħabba l-fatt illi kif irriteniet tajjeb l-ewwel Qorti, il-Pulizija kienu altru milli ġustifikati li jkollhom suspett raġjonevoli fl-attur appellant. Il-konvenuti appellati jgħidu għalhekk illi l-Pulizija kellha biżżejjed ċirkostanzi quddiemha biex is-suspett fil-konfront tal-attur appellant jitqies raġjonevoli, biex l-arrest tiegħu ma jitqiesx arbitrarju għall-finijiet tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u biex huwa jitressaq il-Qorti akkużat b'diversi reati.

**53.** Skont il-konvenuti appellati, dak li irriżulta lill-investigaturi fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-attur appellant ma kienx sempliċiment u unikament ittra identika għall-eluf ta' ittri li rċevew ħafna nies oħrajn madwar Malta u Għawdex peress li l-attur appellant instab fil-pussess ukoll ta' dokument *hard copy* bil-*letter head* li kienet l-istess jew simili bħal dik użata fl-ittri anonimi li kienu qed jintbagħtu.

**54.** Il-konvenuti appellati jżidu illi irriżulta wkoll li l-kompjuter tal-istess attur appellant kien sarlu *formatting* mill-istess attur appellant.

Għaldaqstant, huma jargumentaw illi kien diffiċli għall-Pulizija li jsibu xi data jew informazzjoni fuq il-kompjuter imsemmi fil-mument li huma għamlulu t-tfittxija f'daru propju għax dan il-*formatting* kien għadu kemm sar, liema fatt kompla saħħah is-suspett raġjonevoli tal-Pulizija.

**55.** Skont il-konvenuti appellati, l-investigazzjonijiet u l-interrogazzjonijiet tal-Pulizija lanqas ma kienu b'għaġġla żejda – l-affarijiet tmexxew b'mod korrett u entro terminu raġjonevoli u fil-parametri tal-liġi b'tali mod sabiex l-indaġini li kienet tirrikjedi testijiet forensiċi fuq l-eluf ta' ittri mibgħuta u t-tqabbil mal-marki tas-swaba tal-attur appellant issir taħt il-kontroll u d-direzzjoni tal-Maġistrat.

**56.** Il-konvenuti appellati wkoll kategorikament jiċħdu illi l-aġir tal-Pulizija kien b'xi mod motivat biex jaġevola jew jikkuntenta lill-ex Ministru John Dalli. Huma jsostnu illi l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni kunfidenzjali u anke rapporti u fid-dawl ta' dan hija kienet obbligata skont il-liġi li tinvestiga kif fil-fatt għamlet.

**57.** A skans ta' ripetizzjoni l-konvenuti appellant jagħmlu referenza għas-sottomissjonijiet tagħhom quddiem l-ewwel Qorti dwar dan l-ilment.

*Apprezzament ta' din il-Qorti*

**58.** Għalhekk l-ilment prinċipali li ressaq l-attur appellant permezz tat-tielet u l-aħħar aggravju tiegħu huwa li l-Pulizija ma kienux ġustifikati li jkollhom suspett raġjonevoli li huwa seta' ikkommetta r-reat in kwistjoni u konsegwentement l-arrest tiegħu kien wieħed arbitrarju għall-finijiet tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

*Prinċipji*

**59.** Kemm l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirrikjedu l-eżistenza ta' "*suspett ragjonevoli*" da parti tal-Pulizija li individwu jkun ikkommetta reat jew reati sabiex l-arrest tal-istess individwu jkun jista' jitqies legali.

**60.** Kif irritenew il-Qrati Maltin kif ukoll il-Qorti Ewropea f'diversi sentenzi mogħtija minnhom, il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv[31]. Dan ifisser illi huwa meħtieg li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq, u dan kif kienu

[31] Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April 2011 fl-ismijiet "*Dr. Jose' A. Herrera bhala mandatarju ta' AWEYS MAANI KHAYRE vs. Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija*."

jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Fi kliem ieħor, għandu jiġi applikat il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni f'ħin u post partikolari lill-uffiċjal tal-pulizija raġonevoli u mhux kif kienet tidher is-sitwazzjoni lil bniedem raġonevoli li jħares mill-bogħod u *ex post facto* lejn il-fatti kollha li verament eżistew[32].

**61.** Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Awwissu 1990 fl-ismijiet **Fox, Campbell u Hartley v. UK** il-Qorti Ewropea irriteniet:

> "*The 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitrary arrest and detention which is laid down in article 5 para. (1)(c). The Court agrees with the Commission and the Government, that having a reasonable suspicion **presupposes the existence of facts or information** which would satisfy an **objective observer** that the person concerned may have committed the crime, what may be regarded as 'reasonable' will however depend upon all the circumstances.*"[33]

**62.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Joseph Attard v. Kummissarju tal-Pulizija** ingħad hekk dwar x'jista' jwassal għal suspett raġonevoli:

> "*Suspett raġonevoli jista' jkun bazat fuq ċirkostanzi li jkunu inammissibbli bħala prova, bħal, per eżempju, hearsay, jew fuq l-anteċedenti penali ta' dak li jkun. Jista' jkun bażat fuq drawwiet jew abitudnijiet tan-nies, jew ta' xi kategorija ta' nies, jew ta' xi post partikolari. Kif ingħad, kollox jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.*"

[32] Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet "*Anthony Mifsud v. Supretendent Carmelo Bonello et.*"

[33] Ara wkoll: Q. Kost. "Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et", 5/4/1991; Q. Kost. "Vincent Vella et noe vs. Kummissarju tal-Pulizija et", 21/1/1993; E.Ct.H.R. "Kotiy v. Ukraine" (App. No. 18718/09), 5/6/2015.

**63.** Il-fatt li akkużat jiġi liberat minn kull akkuża jew li l-akkużi fil-konfront tiegħu jiġu irtirati, ma jeskludix is-suspett raġonevoli fil-mument li l-attur appellant ġie arrestat. Fi kliem ieħor, jekk iċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu kienux biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tottjeni kundanna hija materja irrelevanti biex jiġi determinat l-eżistenza o meno ta' suspett raġonevoli meħtieġ għall-validita` tal-arrest[34]. Fil-fatt, fil-każ **O'Hara v. U.K.** deċiża mill-Qorti ta' Strasburgu fis-16 ta' Ottubru, 2001, dik il-Qorti irriteniet:

> "*36. It may also be observed that the standard imposed by Article 5 § 1 (c) does not presuppose that the police have sufficient evidence to bring charges at the time of arrest. The object of questioning during detention under sub-paragraph (c) of Article 5 § 1 is to further the criminal investigation by way of confirming or dispelling the concrete suspicion grounding the arrest. Thus facts which raise a suspicion need not be of the same level as those necessary to justify a conviction, or even the bringing of a charge which comes at the next stage of process of criminal investigation (see Brogan and Others v the United Kingdom, judgement of 29 November 1988, Series A No 145-B, p 29 § 53, and Murray v the United Kingdom, judgment of 28 October 1994, Series A No 300-A, p 27, § 55).*"[35]

*Aplikazzjoni tal-Prinċipji*

**64.** Dak li din il-Qorti hi msejjħa tagħmel fil-konsiderazzjoni ta' dan it-tielet aggravju mhuwiex li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-pulizija billi tara hi x'kienet tagħmel kieku kienet flok l-uffiċċjal prosekutur iżda dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk il-pulizija setgħux

[34] Ara wkoll: "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4th Edition, 2006, paġna 473).
[35] Ara wkoll: Q. Kost. "Godfrey Ellul vs. Avukat Generali", 4/1/2002

raġonevolment jkollhom suspett fl-attur appellant fid-dawl tal-provi li kellhom sa dak il-mument.

**65.** Mill-provi irriżulta li:

- Waqt is-*search* fid-dar tal-attur appellant instabet karta *b'letterhead* li kienet l-istess jew tixbaħ il-karti mqassma[36]. Dan id-dokument kien jidher illi minn fuqu gie scanjat il-kumplament tal-ittri[37]. Xi żmien qabel l-attur appellant kien iffaxja kopja ta' dak in-nofs statement li l-Pulizija sabulu d-dar[38]. L-attur appellant kien ukoll ammetta li dan id-dokument kien għamlu nofs statement hu[39].

- L-attur appellant kellu fil-pussess tiegħu diversi *bank statements* tal-ex Ministru tal-Finanzi John Dalli – xi ħdax jew tnax[40].

- L-attur appellant ammetta li hu kien l-unika persuna li seta' kellu l-*bank statements* in kwistjoni għax hu biss kien jieħu ħsieb l-affarijiet tal-ex Ministru tal-Finanzi John Dalli[41]. Fil-fatt, meta l-Pulizija kienu kellmu lill-ex Ministru tal-Finanzi John Dalli, dan kien qalilhom li dak il-kont

[36] Ara fols 140, 143, 147, 167, 171 u 232 tal-proċess. Ara wkoll fols 18, 26, 27, 28, 34 u 40 tal-proċess kriminali allegat ma' dawn il-proċeduri.
[37] Ara fol 173 tal-proċess.
[38] Ara fols 42, 64 u 151 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.
[39] Ara fols 42 u 49 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.
[40] Ara fol 41 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.
[41] Ara fol 43 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri. Ara wkoll fol 52 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.

partikolari li kien indikat fuq il-*letterhead* hawn fuq riferit kien jieħu ħsiebu l-attur appellant[42].

- L-attur appellant kellu fil-pussess tiegħu l-mezzi neċessarji biex jipproduċi u jiddistribwixxi d-dokument lil eluf ta' nies[43].

- Kif kienu ser jibdew l-investigazzjoni fuq il-*computer* tal-attur appellant, li kien maqlugħ minn postu dak il-ħin[44], l-istess attur appellant informa lill-Pulizija li l-computer kien għadu kemm ġie *formatted*[45].

- L-attur appellant tah verzjonijiet differenti u kunfliġġenti fir-rigward tar-raġuni għaliex kien għadu kif gie *formatted* il-*computer* tiegħu[46]. Waħda minn dawn il-verzjonijiet ma kinitx kredibbli[47].

- Waqt li l-Pulizija kienu qed isaqsuh domandi dwar il-*computer* u d-dokumenti l-oħra li instabu d-dar tiegħu flimkien ma' xi ittri li kienu intbagħtu lis-Sur John Dalli, l-attur appellant deher skomdu hafna u

[42] Ara fol 174 tal-proċess. Ara wkoll fols 35, 36 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.
[43] Ara fols 108 u 204 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri. Ara wkoll ir-relazzjoni tal-konsulent fuq informatika espert fuq kompjuter forensika Martin Bajada tat-2 ta' Diċembru 1999 li jinsab fil-proċess kriminali li gie allegat ma' dawn il-proċeduri.
[44] Ara fol 147 tal-proċess. Ara wkoll fols 97 u 137 tal-proċess kriminali allegat ma' dawn il-proċeduri.
[45] Ara fols 139, 166, 173 u 232 tal-proċess.
[46] Ara fols 143, 147 u 167 tal-proċess. Ara wkoll fols 40 u 99 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.
[47] Ara fol 101 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri.

*uneasy*, b'tali mod li meta kienu jieħdu pawsa l-attur appellant kien jerġa' jibda jgħid u jistiga lill-Pulizija biex jinvestigaw lill-Ministru Dalli[48].

- Wara li l-Pulizija kienu sabu xi dokumenti fuq l-iskrivanija tal-attur appellant, l-istess attur appellant tahom xi dokumenti oħra li kienu *bank statement* tal-Ministru John Dalli u spjega li dawn id-dokumenti għad irid jurihom għax mhux sewwa li ma iddikjarax kollox[49].

- Mhux l-ewwel darba li l-attur appellant kien qal kummenti dispreġattivi fil-konfront tal-ex Ministru tal-Finanzi John Dalli[50].

- Għal diversi ufficjali kien hemm mill-inqas ittra waħda li kellha l-kallegrafija fuq l-*envelope* li kienet tal-attur appellant[51].

- Fiż-żmien meta kien sploda l-każ marbut ma' klijenti tal-vetturi tal-marka "*Daewood*" l-attur appellant kien qed jaħdem bħala *accountant* mal-kumpanija[52].

- L-arrest kien ta' anqas minn 48 siegħa li tippermetti l-liġi.

---

[48] Ara fol 145 tal-proċess. Ara wkoll fol 167 tal-proċess.
[49] Ara fol 16 tal-proċess kriminali allegat ma' dawn il-proċeduri.
[50] Ara fols 17 u 82 tal-proċess kriminali allegat ma' dawn il-proċeduri.
[51] Ara fol 51 tal-proċess kriminali allegat ma' dawn il-proċeduri.
[52] Ara fol 231 tal-proċess. Ara wkoll it-tieni stqarrija mogħtija mill-attur appellant fis-16 ta' Novembru 1999 (li tinsab fl-atti tal-proċess kriminali li ġew allegati ma' dan il-proċess).

**66.** Din il-Qorti hi tal-fehma li ċ-ċirkostanzi fuq imsemmija ipprovati kif ingħad kienu biżżejjed sabiex jiġġeneraw suspett raġonevoli peress li kien jirriżulta bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li qed jinvestiga konvinċement morali li l-attur appellant kien wieħed mill-persuni li kellu rabta mar-reat imwettaq u għalhekk l-arrest tal-istess attur appellant kien wieħed ġustifikat. Kif ingħad, jekk dawn iċ-ċirkostanzi kienux biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tottjeni kundanna hija materja irrelevanti biex jiġi determinat l-esistenza o meno ta' suspett raġjonevoli meħtieg għall-validita` tal-arrest.

**67.** Din il-Qorti għalhekk ma ssibx li l-arrest tal-attur appellant kien wieħed illegali jew li d-detenzjoni tal-attur appellant kienet waħda arbitrarja u għalhekk lanqas issib li l-arrest u d-detenzjoni tal-attur appellant kienu leżivi tad-dritt fondamentali tiegħu sanċit bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**68.** Ghaldaqstant, u ghar-raġunijiet hawn fuq premessi, dan it-tielet u l-ahhar aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi respint.

*Rimedju*

**69.** In kwantu din il-Qorti sabet ksur tad-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli hija qegħdha tillikwida favur tiegħu kumpens fl-ammont ta' elf euro (€1,000) bħala rimedju.

## DEĊIDE

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tirriforma u tbiddel is-sentenza appellata billi tħassarha in kwantu ma sabitx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u minflok issib li kien hemm ksur tal-artikoli imsemmija peress li fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-appellant ma ingħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u tikkundanna lill-konvenuti appellati sabiex solidament bejniethom iħallsu lill-attur appellant kumpens fl-ammont ta' elf euro (€1000), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-attur appellant u terz (1/3) mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb